

31978L1016

13.12.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 349/31

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-23 ta' Novembru 1978**

**li temenda d-Direttiva 76/135/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji ta' navigabbilità  
għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni**

(78/1016/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/135/KEE ta' l-20 ta' Jannar 1976 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tan-navigabbilità tal-bastimenti fil-kanali interni <sup>(4)</sup> jipprovdli li kemm jista' jkun malajr, u mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar 1978, il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta dispożizzjonijiet komuni li jwaqqfu l-ħtiġjiet tekniċi għal bastimenti fil-kanali interni; billi, minħabba l-komplexità tal-materja, ma kienx possibbli li jiġi osservat il-limitu taż-żmien; billi huwa għalhekk xieraq li jiġi pprovdut għal dawn id-dispożizzjonijiet komuni biex jiġu adottati sal-1 ta' Jannar 1980;

Billi l-Artikolu 7 tad-Direttiva hawn fuq imsemmija jistabbilixxi li se jibqa' validu sal-31 ta' Diċembru 1978 u li, jekk ikun meħtieġ, il-validità tiegħu tista' tiġi estiża sakemm id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 jidħlu fis-seħħ; billi, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din l-estensjoni għandha tiġi implementata,

**L-Artikolu 1**

Id-Direttiva 76/135/KEE qiegħda b'hekk tiġi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5, id-data “l-1 ta' Jannar 1978” għandha tinbidel bi “l-1 ta' Jannar 1980”.

2. L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

**“L-Artikolu 7**

Din id-Direttiva għandha tibqa' valida sad-dħul fis-seħħ effettiv tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5.”

**L-Artikolu 2**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Novembru 1978.

*Għall-Kunsill**Il-President*

K. GSCHIEDLE

<sup>(1)</sup> ĠU C 13, tas-17.1.1978, p. 4.

<sup>(2)</sup> ĠU C 108, tat-8.5.1978, p. 67.

<sup>(3)</sup> ĠU C 181, tal-31.7.1978, p. 29.

<sup>(4)</sup> ĠU L 21, tad-29.1.1976, p. 10.